Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

(2020/C 324/11)

Relatur ġenerali:	Vojko OBERSNEL (HR/PSE), Membru ta' Eżekuttiv Lokali: Belt ta' Rijeka
Dokumenti ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta COM(2020) 22 final Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi COM(2020) 23 final Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta COM(2020) 460 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

COM(2020) 22 final

Emenda 1

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tar-riżorsi tal-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, jeħtieġ li jkun possibbli li jitħejja programm JTF awtonomu jew li jiġu pprogrammati riżorsi JTF fi prijorità speċifika waħda jew aktar fi programm appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), mill-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+") jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Skont l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], ir-riżorsi tal-JTF ***għandhom*** jissaħħu b'finanzjament komplementari mill-FEŻR u l-FSE+. L-ammonti rispettivi ttrasferiti mill-FEŻR u mill-FSE + jeħtieġ li jkunu konsistenti mat-tip ta' operazzjonijiet stipulati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.	Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tar-riżorsi tal-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, jeħtieġ li jkun possibbli li jitħejja programm JTF awtonomu jew li jiġu pprogrammati riżorsi JTF fi prijorità speċifika waħda jew aktar fi programm appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), mill-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+") jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Skont l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], ir-riżorsi tal-JTF ***jistgħu*** jissaħħu b'finanzjament komplementari mill-FEŻR u l-FSE+. L-ammonti rispettivi ttrasferiti mill-FEŻR u mill-FSE + jeħtieġ li jkunu konsistenti mat-tip ta' operazzjonijiet stipulati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

Raġuni

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa proposta politika li għandha tiżdied biss fuq il-baġit ta' koeżjoni eżistenti. Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet proposti li jiġu appoġġati mill-JTF (Artikolu 4) fil-prattika diġà jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-Objettivi tal-Politika 1 u 2 permezz tal-FEŻR u l-FSE+.

Emenda 2

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu [4 (1)] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li "jippermetti lir-reġjuni u n-nies jindirizzaw l-impatti soċjali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima".	F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu [4 (1)] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li "jippermetti lir-reġjuni u n-nies jindirizzaw l-impatti soċjali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima" ***skont l-għanijiet tal-ftehim ta' Pariġi, l-għan tal-UE biex tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u l-miri ta' tnaqqis tal-2030***.

Raġuni

L-għan tal-fond għandu jirreferi b'mod ċar għall-għanijiet tal-ftehim ta' Pariġi, l-għan tal-UE biex tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u l-miri ta' tnaqqis tal-2030.

Emenda 3

Artikolu 3(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-JTF għandu ***jappoġġa l-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fl-Istati Membri kollha***.	1. Il-JTF għandu ***jiffinanzja l-impatt soċjali, soċjoekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni f'reġjuni jew l-attivitajiet affettwati.***

Raġuni

Evidenti.

Emenda 4

Artikolu 4(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. F'konformità mal-paragrafu 1, il-JTF għandu jappoġġa ***esklussivament*** l-attivitajiet li ġejjin:	2. F'konformità mal-paragrafu 1, il-JTF għandu jappoġġa l-attivitajiet li ġejjin:
(a) investimenti produttivi fl-SMEs, inklużi negozji ġodda, li jwasslu għal diversifikazzjoni u rikonverżjoni ekonomiċi;	(a) investimenti produttivi ***u sostenibbli*** fl-SMEs, inklużi negozji ġodda, li jwasslu għal diversifikazzjoni u rikonverżjoni ekonomiċi;
(b) investimenti fil-ħolqien ta' ditti ġodda, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju u servizzi ta' konsulenza;	(b) investimenti fil-ħolqien ta' ditti ġodda ***rilevanti għat-tranżizzjoni lejn żvilupp sostenibbli***, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju u servizzi ta' konsulenza;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-trawwim ta' trasferiment ta' teknoloġiji avvanzati;	(c) investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ***sostenibbli*** u t-trawwim ta' trasferiment ta' teknoloġiji avvanzati;
(d) investimenti fl-użu ta' teknoloġija u infrastrutturi għal enerġija nadifa u affordabbli, fi tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli;	(d) investimenti fl-użu ta' teknoloġija u infrastrutturi ***soċjali*** għal enerġija nadifa***, sikura, sostenibbli*** u affordabbli, fi tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli;
(e) investimenti fid-diġitalizzazzjoni u l-konnettività diġitali;	(e) investimenti ***li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (Artikolu 15.3), id-Direttiva tal-UE 2010/31 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (Artikoli 9 u 11) u d-Direttiva tal-UE 2012/27 dwar l-effiċjenza fl-enerġija (Artikolu 14.4);***
(f) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti, restawr ta' art u proġetti ta' adattament;	***(f) investimenti*** fid-diġitalizzazzjoni u l-konnettività diġitali;
(g) investimenti fit-titjib tal-ekonomija ċirkolari, inkluż permezz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart;	(***g***) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti, restawr ta' art u proġetti ta' adattament***, skont il-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas" kif iddefinit fl-Artikolu 2(122) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat***;
(h) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ***tal-ħaddiema***;	(***h***) investimenti fit-titjib tal-ekonomija ċirkolari, inkluż permezz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart;
(i) għajnuna fit-tiftix għal min ikun qed ifittex impjieg;	(***i***) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ***tal-forza tax-xogħol***;
(j) l-inklużjoni attiva ta' min ikun qed ifittxu impjieg;	(***j***) għajnuna fit-tiftix għal min ikun qed ifittex impjieg;
(k) assistenza teknika.	(***k***) l-inklużjoni attiva ta' min ikun qed ifittxu impjieg;
	(***l***) ***kwalunkwe attività oħra speċifika, kif miftiehma bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti għat-territorju kkonċernat, l-Istat Membru u l-Kummissjoni Ewropea, li hija konformi mal-istrateġiji ta' żvilupp lokali u tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-UE newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050***;
	(m) assistenza teknika.

Raġuni

— Kwalunkwe investiment fil-protezzjoni ambjentali għandu jirrispetta r-regola li l-ispiża tal-miżuri biex jiġi indirizzat it-tniġġis għandha titħallas mill-parti li tkun ikkawżat it-tniġġis.

— It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ma għandhomx ikunu ristretti għall-ħaddiema, iżda għandhom jinkludu wkoll it-taħriġ lill-persuni qiegħda, lil dawk li qed ifittxu impjieg, eċċ. għal impjiegi fl-ekonomija ekoloġika.

— Għandha tiġi żgurata flessibbiltà akbar fl-għażla ta' proġġetti appoġġati, jekk jaqblu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-territorju kkonċernat, l-Istat Membru u l-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 5

Artikolu 5, punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) id-dekummissjonar ***jew il-kostruzzjoni tal-impjanti*** tal-enerġija nukleari;	(a) id-dekummissjonar ***tal-kostruzzjoni, jew kwalunkwe forma oħra ta' investiment fl-impjanti*** tal-enerġija nukleari;

Raġuni

Evidenti.

Emenda 6

Artikolu 5, punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(d) investiment relatat ***mal-produzzjoni***, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-***ħażin*** jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili;	(d) investiment relatat ***mal-estrazzjoni***, ***il-produzzjoni***, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-***ħażna*** jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili***, inkluż il-ftuħ ta' minjieri tal-faħam ġodda***;

Raġuni

Il-JTF m'għandhiex tappoġġa l-ftuħ jew il-ftuħ mill-ġdid ta' minjieri tal-faħam, iżda din il-limitazzjoni m'għandhiex tiġi estiża għal tipi oħra ta' minjieri (metall, minerali industrijali, blat ornamentali, eċċ.), li hija attività ekonomika li toħloq impjiegi ta' kwalità u fit-tul.

Emenda 7

Żid paragrafu ġdid wara l-Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-operazzjonijiet fir-reġjun NUTS 3 fejn huwa skedat ftuħ ta' minjiera ġdida tal-faħam, tal-linjite jew tax-shale bituminuż jew ta' sit għall-estrazzjoni tal-pit jew ftuħ mill-ġdid ta' minjiera tal-faħam, tal-linjite jew tax-shale bituminuż dekummissjonata temporanjament matul id-durata tal-programm u abbażi ta' pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

Raġuni

L-objettiv tal-appoġġ huwa li jgħin fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, li teskludi l-ftuħ ta' minjieri ġodda u/jew ta' siti għall-estrazzjoni tal-pit u l-ftuħ mill-ġdid ta' dawk eżistenti.

Emenda 8

Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tapprova programm biss fejn l-identifikazzjoni tat-territorji l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni, inklużi fil-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti, tkun debitament iġġustifikata u l-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti jkun konsistenti mal-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istat Membru kkonċernat.	Il-Kummissjoni għandha tapprova programm biss fejn l-identifikazzjoni tat-territorji l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni, inklużi fil-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti, tkun debitament iġġustifikata u l-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti ***jimpenja ruħu għall-għanijiet tal-ftehim ta' Pariġi, l-għan tal-UE biex tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u l-miri ta' tnaqqis tal-2030 u*** jkun konsistenti ***mal-istrateġiji territorjali msemmija fl-Artikolu [23] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid],*** mal-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istat Membru kkonċernat ***u mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.***

Emenda 9

Artikolu 6(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-prijorità jew prijoritajiet tal-JTF għandhom jinkludu r-riżorsi tal-JTF li jikkonsistu mill-allokazzjoni sħiħa jew parzjali tal-JTF għall-Istati Membri u r-riżorsi ***trasferiti*** skont l-Artikolu [21a] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid]. ***It-total*** tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ***ittrasferit lill-prijorità tal-***JTF ***għandu jkun mill-inqas ugwali għal*** darba u nofs l-ammont ta' sostenn mill-JTF għal dik il-prijorità ***iżda ma għandux jaqbeż tliet darbiet dak l-ammont***.	Il-prijorità jew prijoritajiet tal-JTF għandhom jinkludu r-riżorsi tal-JTF li jikkonsistu mill-allokazzjoni sħiħa jew parzjali tal-JTF għall-Istati Membri u r-riżorsi ***li l-awtoritajiet maniġerjali jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu*** skont l-Artikolu [21a] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid]. ***L-ammont*** tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ***li għandu jiġi trasferit lill-***JTF ***ma għandux jaqbeż*** darba u nofs l-ammont ta' sostenn mill-JTF għal dik il-prijorità.

Raġuni

L-Istati Membri għandhom jingħataw flessibbiltà akbar biex jiddeċiedu l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-FEŻR u l-FSE+ għall-JTF. Dan jillimita wkoll id-diżimpenji possibbli fil-każ ta' kapaċità ta' assorbiment baxxa fit-territorji l-aktar affettwati.

Emenda 10

Żid subparagrafu ġdid wara l-Artikolu 6(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Il-Kummissjoni għandha tapprova biss it-trasferimenti tar-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ għall-prijorità JTF meta l-ammont totali tat-trasferiment ma jkunx jaqbeż 20 % tal-allokazzjoni inizjali tal-FEŻR u tal-FSE+ tal-programm operazzjonali (ikkalkulata għal kull Fond).

Raġuni

Tallinja t-test leġislattiv mal-memorandum ta' spjegazzjoni.

Emenda 11

Artikolu 7(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. L-Istati Membri għanhom iħejju, flimkien mal-awtoritajiet rilevanti tat-territorji kkonċernati, pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta wieħed jew aktar li jkopru territorju wieħed effettwat jew aktar li jikkorrispondu għal-livell ***3*** tal-klassifika komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell ***3***") kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014 jew partijiet minnu, f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness II. Dawn it-territorji għandhom ikunu dawk l-aktar milquta ħażin fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-telf mistenni ta' impjiegi fil-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil fossili u l-ħtiġijiet ta' trasformazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni ta' faċilitajiet industrijali bl-ogħla intensità ta' gassijiet serra.	1. L-Istati Membri għanhom iħejju, flimkien mal-awtoritajiet rilevanti tat-territorji kkonċernati, pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta wieħed jew aktar li jkopru territorju wieħed effettwat jew aktar li jikkorrispondu għal-livell ***2*** tal-klassifika komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell ***2***") kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014 jew partijiet minnu, f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness II. Dawn it-territorji għandhom ikunu dawk l-aktar milquta ħażin fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-telf mistenni ta' impjiegi fil-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil fossili u l-ħtiġijiet ta' trasformazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni ta' faċilitajiet industrijali bl-ogħla intensità ta' gassijiet serra.

Raġuni

L-effetti konsegwenzjali negattivi tat-tranżizzjoni mhumiex se jkunu limitati għat-territorji fil-livell NUTS 3, iżda x'aktarx se jaffettwaw ukoll it-territorji tal-madwar. Għal din ir-raġuni, u biex tiġi ssemplifikata l-governanza, jidher li huwa aktar xieraq li l-appoġġ jiġi ffukat fil-livell NUTS 2.

Emenda 12

Artikolu 7(2), punt (b) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(b) (ġdid) impenn ċar għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta u soċjalment ġusta fl-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Pariġi;

Raġuni

Il-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta għandhom jiġu approvati biss jekk ikunu jinkludu impenn ċar għall-għanijiet tal-ftehim ta' Pariġi, kif ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew fit-18 ta' Ottubru 2019.

Emenda 13

Artikolu 7(2), punt (c) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(c) (ġdid) impenn ċar għall-objettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050 u li jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis tagħha sal-2030;

Raġuni

Il-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta għandhom jiġu approvati biss jekk ikunu jinkludu impenn ċar għall-objettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050 u li jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis tagħha sal-2030, kif ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2019.

Emenda 14

Artikolu 7(2), punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni ffaċċjati mit-territorji milquta l-aktar ħażin, inkluż l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, li tidentifika l-għadd potenzjali ta' impjiegi milquta u t-telf ta' impjiegi, il-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp li jridu jinkisbu sal-2030 marbuta mat-trasformazzjoni jew l-għeluq ta' attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra f'dawn it-territorji;	(c) valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni ffaċċjati mit-territorji milquta l-aktar ħażin, inkluż l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, li tidentifika l-għadd potenzjali ta' impjiegi milquta u t-telf ta' impjiegi, il-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp li jridu jinkisbu sal-2030 marbuta mat-trasformazzjoni jew l-għeluq ta' attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra f'dawn it-territorji***, kif ukoll valutazzjoni tal-effetti konsegwenzjali negattivi tat-tranżizzjoni fuq ir-reġjuni li jmissu magħhom***;

Raġuni

L-effetti konsegwenzjali negattivi kollha possibbli għandhom jiġu vvalutati kif xieraq fil-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

Emenda 15

Artikolu 7(2), punt (f)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(f) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' governanza li jikkonsistu fl-arranġamenti ta' sħubija, il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni ppjanati u l-korpi responsabbli;	(f) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' governanza li jikkonsistu fl-arranġamenti ta' sħubija, il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni ppjanati u l-korpi responsabbli***, jekk ikunu differenti mill-elementi li diġà ġew deskritti fil-programm kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (UE) [RDK ġdid]***; ***l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jkunu involuti b'mod sħiħ fl-aspetti kollha ta' dan;***

Raġuni

Bħala miżura ta' semplifikazzjoni, għandha tiġi pprovduta biss l-informazzjoni li hija differenti mill-elementi li diġà ġew deskritti fil-programm skont il-"Mudell għall-programmi appoġġati mill-FEŻR (il-mira tal-Investiment għall-Impjiegi u t-Tkabbir), mill-FSE+, mill-JTF, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEMS – Artikolu 16(3)" (l-Anness V tal-RDK). ***Barra minn hekk, jeħtieġ li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jitqiesu bħala partijiet interessati integrali f'dan il-proċess.***

Emenda 16

Artikolu 7(2), punt (h)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(h) fejn jingħata appoġġ lil investimenti produttivi lil intrapriżi li mhumiex SMEs, ***lista eżawrjenti ta' dawn l-operazzjonijiet u intrapriżi u*** ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment;	(h) fejn jingħata appoġġ lil investimenti produttivi ***u sostenibbli*** lil intrapriżi li mhumiex SMEs, ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment;

Raġuni

Il-provvista ta' lista eżawrjenti ta' operazzjonijiet u intrapriżi (kumpaniji kbar) fil-fażi ta' programmazzjoni tal-JTF ma tidhirx li hija partikolarment fattibbli, u tista' twassal għal dewmien mill-bidu nett tal-perjodu ta' programmazzjoni. Barra minn hekk, tali approċċ imur direttament kontra l-isforzi ta' semplifikazzjoni, li r-riżultat tiegħu kien, fost affarijiet oħra, li jiġu abbandunati proċeduri separati applikabbli għal proġetti kbar skont l-Artikoli 100-103 tal-RDK attwali.

Emenda 17

Artikolu 7(2), punt (i)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(i) fejn jingħata appoġġ lill-investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, ***lista eżawrjenti ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u*** ġustifikazzjoni li ***dawn*** jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jmorru ħafna taħt l-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi;	(i) fejn jingħata appoġġ lill-investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, ġustifikazzjoni li ***l-operazzonijiet li għandhom jiġu appoġġati*** jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jmorru ħafna taħt l-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi;

Raġuni

Il-provvediment ta' lista eżawrjenti ta' operazzjonijiet fil-fażi ta' programmazzjoni tal-JTF ma jidhirx li huwa partikolarment fattibbli, u jista' jwassal għal dewmien mill-bidu nett tal-perjodu ta' programmazzjoni.

Emenda 18

Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Artikolu 8a.
	1. Għandha tiġi stabbilita Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Pjattaforma"), taħt is-superviżjoni u l-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni Ewropea, sabiex ikunu jistgħu jsiru skambji bilaterali u multilaterali ta' esperjenza dwar it-tagħlimiet miksuba u l-aħjar prattiki fost is-setturi kollha affettwati.
	2. Il-Pjattaforma għandha tkun magħmula minn żewġ linji:
	(a) gruppi ta' ħidma tekniċi, li jindirizzaw sfidi konkreti fir-reġjuni kkonċernati, u li jiffaċilitaw skambji tal-esperjenza u l-aħjar prattiki dwar it-tħejjija ta' pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta u operazzjonijiet individwali. Il-gruppi ta' ħidma tekniċi, li għandhom jinkludu l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jiġu stabbiliti skont il-ħtiġijiet operattivi tal-JTF, filwaqt li titqies il-kopertura settorjali tal-operazzjonijiet appoġġati.
	Il-gruppi ta' ħidma tekniċi għandhom jikkooperaw mill-qrib maċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU li ġie stabbilit skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) [programm InvestEU ġdid] u mas-servizzi rilevanti tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom l-għarfien tekniku u prattiku meħtieġ biex jaċċessaw il-finanzjament disponibbli permezz tal-programm InvestEU kif ukoll permezz tal-BEI.
	(b) Forum Annwali tar-Reġjuni ta' Tranżizzjoni Ġusta (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Forum"), organizzat b'mod konġunt mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Il-Forum għandu jippermetti l-koordinazzjoni tal-orjentazzjonijiet tal-politika u t-traspożizzjoni tagħhom f'attivitajiet operazzjonali tal-gruppi ta' ħidma tekniċi.
	3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti ddettaljati dwar il-mekkaniżmi ta' governanza, is-sħubija, l-operazzjoni u l-baġit tal-Pjattaforma. Għandha tiġi żgurata parteċipazzjoni bbilanċjata tal-livelli kollha ta' gvern.
	4. L-ispejjeż operazzjonali tal-Pjattaforma għandhom jiġu koperti mir-riżorsi ta' għajnuna teknika skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2).

Raġuni

Għandhom jiżdiedu dispożizzjonijiet prattiċi dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta biex tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar l-objettivi u l-operat tagħha.

Emenda 19

Artikolu 10(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru ***u twettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati*** skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

COM(2020) 23 final

Emenda 20

Artikolu 21a (1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-JTF taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir b'konformità mal-Artikolu [3] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-JTF], għandu jiġi kkumplimentat bir-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ jew minn riżorsi mit-tnejn li huma, tal-kategorija tar-reġjuni fejn ikun jinsab it-territorju kkonċernat. L-ammont totali tar-riżorsi mill-FEŻR u mill-FSE+ li jiġi ttrasferit lejn il-JTF għandu jkun tal-anqas ***darba u*** nofs ***daqs*** l-ammont ta' appoġġ mill-JTF, iżda ma għandux jaqbeż ***tliet darbiet*** l-ammont ta' dak l-appoġġ. Ir-riżorsi ttrasferiti mill-FEŻR jew mill-FSE+ fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu l-20 % tal-allokazzjoni rispettiva mill-FEŻR u mill-FSE+ lill-Istat Membru kkonċernat. (…)	L-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-JTF taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir b'konformità mal-Artikolu [3] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-JTF], għandu jiġi kkumplimentat bir-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ jew minn riżorsi mit-tnejn li huma, tal-kategorija tar-reġjuni fejn ikun jinsab it-territorju kkonċernat***, permezz ta' trasferiment volontarju***. L-ammont totali tar-riżorsi mill-FEŻR u mill-FSE+ li jiġi ttrasferit lejn il-JTF għandu jkun tal-anqas nofs l-ammont ta' appoġġ mill-JTF, iżda ma għandux jaqbeż ***darba u nofs*** l-ammont ta' dak l-appoġġ. Ir-riżorsi ttrasferiti mill-FEŻR jew mill-FSE+ fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu l-20 % tal-allokazzjoni rispettiva mill-FEŻR u mill-FSE+ lill-Istat Membru kkonċernat. (…)

Raġuni

L-Istati Membri għandhom jingħataw flessibbiltà akbar biex jiddeċiedu l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-FEŻR u l-FSE+ għall-JTF. Dan jillimita wkoll id-diżimpenji possibbli fil-każ ta' kapaċità ta' assorbiment baxxa fit-territorji l-aktar affettwati.

Emenda 21

Artikolu 59(3a) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	3a. L-operazzjonijiet appoġġati mill-JTF skont ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-JTF] għandhom jagħtu lura l-appoġġ mill-JTF jekk, fi żmien għaxar snin mill-pagament finali lill-Istat Membru li jkun irċieva l-appoġġ, tkun infetħet minjiera ġdida tal-faħam, tal-linjite, jew tax-shale bituminuż jew sit għall-estrazzjoni tal-pit jew terġa' tinfetaħ minjiera tal-faħam, tal-linjite jew tax-shale bituminuż jew sit għall-estrazzjoni tal-pit iddekummissjonata temporanjament fit-territorju fejn ikun intuża l-appoġġ mill-JTF.

Raġuni

L-objettiv tal-appoġġ huwa li jgħin lir-reġjuni fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, li teskludi l-ftuħ ta' minjieri ġodda u/jew ta' siti għall-estrazzjoni tal-pit u l-ftuħ mill-ġdid ta' dawk li jkunu temporanjament dekummissjonati.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-istabbiliment tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li se jkun għodda ewlenija biex jappoġġa lir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika;

2. jilqa' l-fatt li l-proposta għall-Fond għal Tranizzjoni Ġusta qieset ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-KtR stabbiliti fl-Opinjoni tiegħu dwar il-bidla strutturali soċjoekonomika fir-reġjuni tal-faħam tal-Ewropa ([1]);

3. jilqa' l-fatt li l-fond se jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kollha, iżda xorta se jkun immirat biss lejn ir-reġjuni affettwati l-aktar. Barra minn hekk, għall-konċentrazzjoni u għall-effikaċja xierqa tal-Fond, kif ukoll għall-istabbiliment tal-intensità minima tal-għajnuna, għandha titqies biss il-popolazzjoni tar-reġjuni kkonċernati;

4. jilqa' l-proposta ta' EUR 11 270 459 000 ta' approprjazzjonijiet (fi prezzijiet attwali) għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 u ta' EUR 32 803 000 000 (fi prezzijiet attwali) addizzjonali mill-Istrument ta' Rkupru Ewropew bħala spinta massiva biex jintlaħaq l-objettiv tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta; jinnota bi tħassib li ċ-ċifri espressi fi prezzijiet attwali jistgħu jwasslu għal inqas trasparenza u komparabilità tal-allokazzjonijiet bejn l-intestaturi tal-QFP; jistieden lill-Kunsill jinkludi dan bħala approprjazzjonijiet reali u addizzjonali fin-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027;

5. jinnota bi tħassib li r-riżorsi addizzjonali ffinanzjati taħt l-Istrument ta' Rkupru Ewropew, li jwasslu għal impenji addizzjonali fis-snin 2021-2024, se jagħmlu pressjoni estrema biex l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji finali jħejju, jimplimentaw u jonfqu kważi 75 % tal-allokazzjoni totali fl-ewwel erba' snin tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid;

6. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex takkumpanja t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, sensittiva għall-klima u sostenibbli ekoloġikament sal-2050 b'miżuri mmirati u biex tappoġġa l-aktar żoni affettwati mit-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika b'mod speċjali u b'riżorsi addizzjonali; jenfasizza li dawn il-fondi addizzjonali ma għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jittieħdu mill-baġit tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li baġit b'saħħtu għall-politika ta' koeżjoni għandu jibqa' l-prijorità ewlenija għall-appoġġ tal-azzjoni klimatika fil-livell territorjali;

([1]) Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Bidla strutturali soċjoekonomika fir-reġjuni tal-faħam tal-Ewropa (ĠU C 39, 5.2.2020, p. 58).

7. jappella lill-Kummissjoni Ewropea tqiegħed il-Fond ġdid għal Tranżizzjoni Ġusta taħt l-Intestatura 2 (Koeżjoni u Valuri) tal-QFP 2021-2027 minflok l-Intestatura 3 (Riżorsi Naturali u Ambjent), u jtenni li jiċħad it-tnaqqis previst fil-politika ta' koeżjoni; ifakkar fl-appell tal-KtR li l-kofinanzjament nazzjonali tal-FSIE kollu huwa eskluż mill-kalkoli dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; iqis li l-istess għandu jkun applikabbli għall-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta;

8. jenfasizza d-diffikultajiet partikolari għar-reġjuni b'dipendenza għolja fuq il-fjuwils fossili b'sistemi tal-enerġija iżolati, bħar-reġjuni l-aktar imbiegħda; jenfasizza li l-iżvilupp tat-taħlita tal-enerġija, fir-rigward tat-territorju, l-ilma, l-iskart u l-enerġija huwa l-muftieħ għall-istrateġija tal-enerġija tagħha lejn ekonomija newtrali fil-karbonju;

9. jieħu nota tal-istima aġġustata tal-Kummissjoni Ewropea li t-tliet pilastri tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta se jwasslu għal investiment ta' EUR 150 biljun sal-2030. Madankollu, il-KtR jinsab imħasseb dwar ir-rata ta' ingranaġġ mistennija u l-fattibbiltà tal-investimenti privati għal xi whud mill-proġetti possibbli;

10. jitlob li ma jingħata l-ebda appoġġ mill-JTF jew il-JTM għal investimenti f'reġjuni NUTS-3 fejn ingħatat awtorizzazzjoni pubblika għall-ftuħ ta' minjieri ġodda tal-faħam, tal-linjite jew taż-żejt tax-shale jew ta' għalqa ta' estrazzjoni tal-pit jew il-ftuħ mill-ġdid ta' minjieri li kienu dekummissjonati temporanjament tal-faħam, tal-linjite jew taż-żejt tax-shale jew ta' għalqa ta' estrazzjoni tal-pit;

11. jilqa' l-fatt li l-ħlas ta' self tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għal proġetti li jkollhom impatt li jista' jitkejjel fl-indirizzar ta' sfidi soċjali, ekonomiċi jew ambjentali wara t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima;

12. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu wkoll li jiffinanzjaw proġetti fil-proċess lejn ekonomija newtrali għall-klima, li ma jiġġenerawx biżżejjed fluss ta' dħul proprju u li għalihom ma jingħatawx appoġġ taħt kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni; jilqa', f'dan il-kuntest, il-proposta għal regolament dwar il-faċilità ta' self tas-settur pubbliku taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta li tappoġġa lill-entitajiet tas-settur pubbliku fil-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom li jirriżultaw mill-isfidi ta' tranżizzjoni deskritti fil-pjani għal tranżizzjoni ġusta;

13. jinnota li tvarja l-esperjenza u l-użu mill-awtoritajiet lokali u reġjonali madwar l-UE tal-mekkaniżmi finanzjarji tal-BEI; għaldaqstant, sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-pilastru 3 tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li l-Istati Membri rispettivi jipprovdu biżżejjed għajnuna prattika u teknika lil dawk l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jixtiequ jużaw il-mekkaniżmi finanzjarji rispettivi tal-BEI;

14. jieħu nota tal-allinjament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-FEŻR u l-FSE+, peress li l-maġġoranza tal-attivitajiet appoġġati mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll fi ħdan l-objettivi skont l-FEŻR u l-FSE+;

15. jinsab imħasseb dwar id-dewmien li l-JTF jista' jikkawża lill-implimentazzjoni tal-programmi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni; jinsab imħasseb ukoll dwar il-kumplessità u l-burokrazija li l-ġestjoni ta' dan il-fond ġdid tista' toħloq għall-ġestjoni tal-programmi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni;

16. jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi programmi fil-livell NUTS 3 minflok NUTS 2, li huwa l-livell li fih jiġu implimentati l-programmi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni. Din il-proposta tmur kontra l-kunċett ta' żoni funzjonali, li mhux neċessarjament huma identiċi għaż-żoni amministrattivi ta' NUTS 3. Il-KtR jenfasizza li għandu jkun meħtieġ biss pjan territorjali korrispondenti wieħed fil-livell NUTS 2;

17. jappella li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta sabiex, bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jinkludu proġetti eliġibbli addizzjonali fil-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta tagħhom. Jitlob, barra minn hekk, li l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ, jitqies bħala indikatur ewlieni fit-tqassim tar-riżorsi allokati għall-Fond;

18. jappella biex il-partijiet interessati lokali u reġonali jkunu involuti mill-qrib fit-tħejjija tal-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, minħabba li l-ġestjoni tal-JTF se tiġi kondiviża u r-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ huma marbuta mill-qrib mal-appoġġ tal-JTF;

19. jappella lill-Kummissjoni biex tagħti aktar gwida dwar kif beħsiebha tassisti lill-awtoritajiet maniġerjali u lir-reġjuni biex jabbozzaw il-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta tagħhom, minħabba li l-proposta għar-regolament dwar il-JTF, inklużi l-annessi tiegħu, xorta jistgħu jkunu soġġetti għal modifiki sostanzjali. Il-KtR iwissi kontra dewmien addizzjonali fit-tħejjija ta' dawk il-programmi fejn l-appoġġ tal-JTF ikun jiddependi fuq l-appoġġ tal-FEŻR u l-FSE+ minħabba l-obbligu li jiġu approvati l-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta;

20. jenfasizza li t-territorji affettwati ma għandhomx jipprovdu listi eżawrjenti fil-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta tagħhom ta' kumpaniji u/jew operazzjonijiet potenzjali li jistgħu jagħtuhom appoġġ, peress li dan jista' jikkawża dewmien fl-adozzjoni tagħhom u jista' jwassal għal piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa fuq l-awtoritajiet maniġerjali. Il-KtR jirrimarka f'dan ir-rigward li ġiet eliminata proċedura separata għall-adozzjoni ta' proġetti ewlenin mill-proposta tal-Kummissjoni għall-RDK ġdid, u li tali lista ta' benefiċjarji u/jew operazzjonijiet tista' terġa' treġġa' dan lura;

21. jappella li t-trasferimenti għall-JTF jiġu limitati sa 20 % mill-allokazzjonijiet inizjali tal-FEŻR u tal-FSE+ tal-programm operazzjonali. Il-KtR jissuġġerixxi li l-awtoritajiet maniġerjali jingħataw aktar flessibbiltà billi jsiru trasferimenti fuq bażi volontarja skont l-Artikolu 6(2) tal-abbozz ta' regolament b'ammont massimu ta' mhux aktar minn 1,5 darbiet l-ammont ta' appoġġ mill-JTF u bil-kunsens biss tal-awtoritajiet lokali u reġjonali involuti;

22. jenfasizza l-importanza li jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa billi tiġi prevista b'mod ċar valutazzjoni tal-impatt ex ante tal-iskema ta' programmazzjoni u monitoraġġ għall-JTF;

23. jinnota li l-prijoritajiet ta' investiment għall-JTF se jiġu deskritti fir-Rapporti tal-Pajjiżi rispettivi, li jiffurmaw parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew; jenfasizza li r-reġjuni għadhom mhumiex formalment assoċjati mal-proċess u jemmen li jeħtieġ li jiġi assenjat rwol aktar b'saħħtu għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-JTF;

24. jilqa' l-fatt li r-Regolament jiddefinixxi elementi speċifiċi li jeħtieġ li jiġu inklużi fil-pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. Il-KtR jistieden lill-awtorità leġislattiva żżid ma' dawk l-elementi impenn ċar għall-għanijiet tal-ftehim ta' Pariġi, għall-għan tal-UE biex tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u għall-miri ta' tnaqqis tagħha għall-2030;

25. jirrimarka li l-Pjattaforma għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni inizjalment inħolqot bħala pjattaforma li tiffoka fuq ir-reġjuni ta' estrazzjoni tal-faħam, fejn l-attivitajiet ta' estrazzjoni tal-faħam kienu għadhom għaddejjin, u li l-pjan kien li fit-tieni stadju, il-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva jiġi estiż għar-reġjuni kollha li jagħmlu użu intensiv mill-karbonju. Il-KtR jenfasizza li r-reġjuni li qed jiffaċċjaw it-tranżizzjoni jeħtieġ li jindirizzaw ostakli simili, u li l-pjattaforma ġdida għandha għalhekk tipprovdi servizzi ta' konsulenza, tassisti lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-benefiċjarji bl-ideat tal-proġetti tagħhom u l-implimentazzjoni prattika fuq il-post, u sservi wkoll bħala skambju ta' prattiki tajba;

26. jilqa' f'dan ir-rigward il-ħolqien tal-Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta, li għandha tinbena fuq l-esperjenzi pożittivi mar-reġjuni intensivi fl-użu tal-karbonju, u reġjuni oħrajn li rnexxielhom iwettqu t-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għal sorsi ta' enerġija nadifa. Il-KtR jenfasizza li din il-pjattaforma għandha tiżgura li s-servizzi kollha rilevanti tal-Kummissjoni u l-BEI jaħdmu flimkien mill-qrib biex jindirizzaw il-bidla strutturali fir-reġjuni affettwati. Il-KtR iwieġeb li se jinvolvi ruħu mill-qrib fl-operat tal-Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta, b'mod partikolari billi jorganizza b'mod konġunt Forum Annwali ta' Reġjuni ta' Tranżizzjoni Ġusta mal-Kummissjoni Ewropea;

27. jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jeħtieġ li jippermettu flessibbiltà meta r-reġjuni eliġibbli fit-tranżizzjoni jkunu jixtiequ jattiraw investiment privat. Il-KtR itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni biex tqis ukoll, meta tfassal linji gwida ġodda, il-problemi marbuta mal-bidla strutturali fir-reġjuni affettwati u biex tiżgura li dawk ir-reġjuni jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex jippermettulhom jimplimentaw il-proġetti tagħhom b'mod soċjalment u ekonomikament vijabbli;

28. jenfasizza li l-appoġġ permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għal investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs ma għandux ikun limitat għal dawk iż-żoni li huma eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(3) (a) u (c) tat-TFUE skont ir-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat. Minflok, il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat għandha tippermetti liż-żoni kollha li jibbenefikaw mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jiġġieldu t-theddida tat-telf ta' impjiegi b'mod effettiv fi stadju bikri. Dan għandu jiġi żgurat ukoll billi r-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jiġi adattat kif xieraq;

29. jenfasizza li ż-żoni affettwati l-aktar mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima għandhom jingħataw l-opportunita li jiġġieldu b'mod attiv il-bidla strutturali assoċjata kmieni kemm jista' jkun. Għalhekk, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jappoġġa l-fatt li l-aġġustamenti futuri fil-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, pereżempju permezz ta' linja gwida ġdida mill-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq l-Artikolu 107(3)(b) jew (c) tat-TFUE, għandhom jiżguraw li l-għajnuna tkun permessa irrispettivament mill-istatus taż-żona assistita skont ir-regoli eżistenti;

30. jirrikonoxxi r-rwol ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala waħda mill-għodod ewlenin ta' twettiq għall-JTF ġdid;

31. jenfasizza li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni wettaq kwestjonarju biex janalizza l-bidliet meħtieġa għar-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-bidla strutturali fir-reġjuni tal-faħam tal-Ewropa ([2]); jenfasizza li l-konklużjonijiet enfasizzaw li l-proċess ta' tranżizzjoni għandu jkun appoġġat minn għajnuna mill-Istat sabiex jiġu attirati kumpaniji li jistgħu jpaċu telf ta' impjiegi u telf fil-ħolqien tal-valur u li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jippermettu aktar flessibbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tal-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, l-investiment relatat mal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli;

32. jilqa' l-fatt li l-proposta leġislattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 175 li huwa ffukat fuq il-koeżjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u jqis li l-proposta tiddeskrivi b'mod ċar il-valur miżjud Ewropew tagħha u hija konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Brussell, it-2 ta' Lulju 2020.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Apostolos TZITZIKOSTAS

([2]) https://cor.europa.eu/mt/news/Pages/report-coal.aspx